

Brussell, 18 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9285/26

DEVGEN 79
FIN 681
ACP 48
RELEX 660

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 18 ta' Mejju 2026

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Approċċ koerenti għall-fraġilità, strumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u eżiti tal-iżvilupp sostenibbli
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Mejju 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ koerenti għall-fraġilità, dwar l-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u dwar l-eżiti tal-iżvilupp sostenibbli, kif approvati mill-Kunsill fl-4174 laqgħa tiegħu li sar fit-18 ta' Mejju 2026

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

Dwar approċċ koerenti għall-fraġilità, dwar l-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE u dwar l-eżiti tal-iżvilupp sostenibbli

Approċċ koerenti u sostnut għall-fraġilità

1. Il-Kunsill jagħraf li l-fraġilità hija sfida dinjija dejjem tikber, xprunata minn riskji multidimensjonali u aggravata minn kriżijiet multipli, u b'hekk thedded is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, tfixxkel is-sigurtà ekonomika u taggrava l-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari, inkluż fil-viċinat tal-UE u fil-pajjiżi sħab tagħha. Il-Kunsill jissottolinja li l-indirizzar tal-fraġilità b'mod effettiv huwa prijorità strateġika għall-UE.
2. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' rispons tal-UE għall-fraġilità li jkun aktar sistematiku u komprensiv, imfassal apposta, koerenti, koordinat u viżibbli, imsejjes fuq il-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni, b'mod partikolari f'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu. Huwa jenfasizza l-importanza ta' approċċi integrati, trasformattivi, fit-tul u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem li jkunu speċifiċi għall-kuntest, sensitivi għall-kunflitti, sostenibbli, u li jindirizzaw l-għeruw tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq ir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi u jinkludu l-prevenzjoni, l-azzjoni antiċipatorja, il-konsolidazzjoni tal-paċi u t-tiżni tar-reżiljenza, filwaqt li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-għeruw tal-fraġilità u l-fatturi li jixprunawha, fosthom il-kunflitti, il-faqar, u l-isfidi relatati mal-klima. L-azzjonijiet kollha tal-UE għandhom juru l-impenn tal-UE għal multilateraliżmu effettiv u ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, inkluż id-dritt internazzjonali, bin-NU fil-qalba tiegħu. L-azzjonijiet tal-UE għandhom jappoġġaw il-komplementarjetà fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, fosthom, fejn rilevanti, il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK).

3. Fi ħdan dan l-aproċċ, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp sostnuta f'ambjenti fraġli, mirfuda mill-prinċipji tal-iżvilupp tal-UE u allinjata mal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, għandha ssaħħa ir-reżiljenza u l-istabbiltà fit-tul tal-pajjiżi sħab u tippromwovi t-tranżizzjoni tagħhom minn dipendenza fuq l-għajnuna għal perkorsi ta' żvilupp sostenibbli. L-UE ser tkompli tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, kif ukoll soluzzjonijiet multilaterali għal sfidi komuni. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li t-tiżi tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-indirizzar tal-faqar huma kruċjali biex jitnaqqas ir-riskju ta' fraġilità.
4. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat finanzjament adatt u flessibbli tal-UE f'kundest li jesperjenzaw fraġilità. Huwa jappella biex jiżded l-użu ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, flessibbli u li jsaħħu lil xulxin, fosthom strumenti ta' tneħħija tar-riskji, biex jiġi mmobilizzat il-finanzjament privat għall-intraprenditorija lokali, l-SMEs u l-ħolqien tal-impjiegi. Fl-istess ħin, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu s-sostenibbiltà tad-dejn u t-trasparenza biex tiġi żgurata r-reżiljenza fiskali fil-pajjiżi sħab. B'rabta ma' dan, il-Kunsill jissottolinja r-rwol vitali tal-ħolqien tal-impjiegi f'ambjenti fraġli, fejn l-ostakli għall-ġenerazzjoni ta' opportunitajiet għall-għajxien huma partikolarment numerużi.
5. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal involviment iffukat u sostnut f'pajjiżi u reġjuni sħab fejn il-fraġilità hija għolja jew estrema u l-azzjoni tal-UE hija strateġika, bħall-Afrika Sub-Saħarjana, inkluż is-Saħel, l-Istati Gzejjir Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) u l-Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw (LLDCs). Ser tingħata aktar attenzjoni partikolari lit-trawwim tal-istabbiltà u r-reżiljenza fil-viċinat komuni tagħna, inkluż il-Balkani tal-Punent u l-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' aċċess ugwali u ġust għal servizzi bażiċi affidabbli u affordabbli, b'mod partikolari ilma nadif, ikel nutrittiv, akkomodazzjoni adegwata, edukazzjoni ta' kwalità, aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità, ġustizzja u istituzzjonijiet affidabbli, bħala faċilitaturi ewlenin tal-koeżjoni soċjali, il-parteċipazzjoni ekonomika u inklużiva u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi. L-involviment tal-UE għandu jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi umanitarji, soċjali, ekonomiċi, ambjentali u ta' sigurtà tal-fraġilità, fosthom il-faqar u l-inugwaljanza, il-vjolenza, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-instabbiltà, l-insigurtà tal-ikel, l-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari.

6. Il-Kunsill jirrikonoxxi li n-nisa, il-bniet, iż-żgħażaġh, kif ukoll il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, huma milquta b'mod sproporzjonat mill-fraġilità. Huwa jissottolinja l-importanza li kontinwament tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' dawn bħala aġenti tal-bidla għall-paċi u l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari permezz ta' aċċess akbar u ekwu għall-edukazzjoni, il-ħiliet u l-opportunitajiet ta' impjeg. Il-Kunsill jenfasizza li l-indirizzar ta' forom multipli u kumulattivi ta' diskriminazzjoni u inugwaljanzi bejn il-ġeneri u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa, iż-żgħażaġh u l-persuni b'diżabilità fl-isferi kollha tal-ħajja soċjali, ekonomika, politika u pubblika, jagħtu kontribut għal soċjetajiet aktar reżiljenti, paċifiċi u inklużivi. Il-Kunsill jerġa' jafferma l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Huwa jieħu nota tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP) III tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li ntlaħaq' tajjeb fil-Konklużjonijiet tal-Presidenza, u r-rwol tiegħu li jkompli jżid b'mod sinifikanti l-importanza strateġika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-azzjoni esterna tal-UE. Filwaqt li jħares 'il quddiem, il-Kunsill jirrikonoxxi t-tnejjija tar-raba' Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP IV), li, billi jistabbilixxi miri konkreti, għandu juri t-tkomplija ta' impenn u ta' rwol ta' tmexxija u tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tiħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR). F'dan il-kuntest, il-Kunsill jibqa' impenjat li javvanza l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tiħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati madwar id-dinja, skont il-paragrafu 34 tal-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp, u f'kooperazzjoni mal-gvernijiet sħab, is-soċjetà ċivili u s-settur privat.
7. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tiħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Allinjament strateġiku u impenn multilaterali

8. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jissaħħa l-approċċ ta' Tim Ewropa b'rabta mal-fraġilità. Dan għandu jiġi kkomplementat, kif rilevanti, b'involvement ma' sħab tal-istess fehma, banek tal-iżvilupp, is-settur privat, u organizzazzjonijiet reġjonali flimkien ma' kooperazzjoni effettiva ma' sħab multilaterali, meta rilevanti, bħan-NU u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali.
9. Il-Kunsill jerġa' jafferma l-impenn tiegħu għal sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku biex jissaħħu s-sjieda lokali, it-trasparenza u l-inklużività. Jibqa' impenjat bis-sħiħ li jsahha il-pożizzjoni tal-atturi lokali, inkluż l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat lokali, inkluż l-SMEs, u l-media indipendenti, u jikkoopera magħhom, filwaqt li jiżgura li l-interventi jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet sostenibbli u bi sjieda lokali, jappoġġaw governanza inklużiva u responsabbli, u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-għajnuna.
10. Il-Kunsill jissottolinja li l-UE għandha żżomm il-kapaċità li tkompli taħdem permezz ta' firxa usa' ta' għodod u approċċi fir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, biex twieġeb għall-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjonijiet, tippromwovi l-iżvilupp tal-bniedem u tikkonsolida l-paċi u l-koeżjoni soċjali. Huwa jissottolinja r-rwol kritiku tal-kuntest konġunt u kondiviż, l-analiżijiet tal-ġeneru u tal-kunflitti u s-sensittività għall-kunflitti, u li l-istrumenti rilevanti kollha tal-UE għandhom jagħtu appoġġ reċiproku u jkunu allinjati strateġikament.
11. Il-Kunsill jinnota l-potenzjal trasformattiv tal-istrateġija Global Gateway u l-approċċ tagħha ta' 360 grad f'ambjenti fraġli, meta tiġi applikata b'mod sensittiv għall-kuntest u għall-kunflitti, f'konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara". Meta l-istrateġija Global Gateway tiġi applikata f'kuntesti fraġli, l-investimenti tal-Global Gateway għandhom jikkomplementaw b'mod xieraq l-għodod l-oħra tal-UE li huma aktar imfassla apposta u flessibbli. L-investimenti tal-Global Gateway sensittivi għall-kunflitti għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw effetti pożittivi għall-paċi billi jipprovdu opportunitajiet ta' għajxien u jrawmu l-istabbiltà f'ambjenti fraġli.

12. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-ODA tal-UE tkun diretta b'mod adegwat u trasparenti lejn kuntesti fraġli u affettwati minn kunflitti, fejn hemm l-akbar ħtiġijiet u fejn l-involvement sostnut huwa essenzjali biex jiġu appoġġati l-istabbiltà, il-ħtiġijiet umanitarji, ir-reżiljenza u l-iżvilupp fit-tul, u ħadd ma jitħalla jibqa' lura, filwaqt li jitħares il-progress lejn il-mira kollettiva tal-ODA tal-UE għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti u l-allinjament mal-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab u l-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp.

Aġenda tal-UE li Tħares 'il Quddiem

13. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' involviment tal-UE li jkun sostnut u msejjes fuq il-prinċipji f'ambjenti fraġli, f'konformità mar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi.

14. Il-Kunsill jissottolinja li s-sensittività għall-kunflitti u l-analiżi robusta tal-kuntest iridu jservu bħala salvagwardji strateġiċi li jipproteġu kemm l-interessi tal-UE kif ukoll ir-reżiljenza tal-pajjiżi sħab, speċjalment f'kuntesti milqutin minn fraġilità għolja u estrema. Il-Kunsill jenfasizza li dawn is-salvagwardji huma indispensabbli biex jiġi żgurat li l-interventi tal-UE jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" u jikkontribwixxu għall-istabbiltà, il-paċi sostenibbli u r-reżiljenza fit-tul. Huma meħtieġa approċċ b'saħħtu ta' Tim Ewropa u analiżijiet konġunti tal-kuntest biex ikunu possibbli l-effiċjenza u l-koerenza filwaqt li tiżdied kemm tista' l-influwenza tal-intervent.

15. Il-Kunsill ser jaħdem biex jiżgura li l-qafas ta' finanzjament estern tal-UE jkun adegwat għall-iskop tiegħu li jindirizza l-fraġilità b'mod integrat, lokalizzat u sostenibbli, filwaqt li jippromwovi l-koerenza fl-istrumenti kollha u l-allinjament mal-prinċipji tal-iżvilupp, l-oġettivi strateġiċi tal-UE, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab u r-realtajiet ġeopolitiċi.

Rapport Annwali tal-2025 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE fl-2024

16. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Annwali tal-2025 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE fl-2024, li jagħti ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ finanzjarju tal-UE għal sħubijiet internazzjonali, il-Viċinat Ewropew, l-assistenza umanitarja, it-tkabbir, il-paċi, is-sigurtà u d-difiża, u r-rispons għall-kriżijiet.

17. Il-Kunsill jinnota l-valur tar-rapport biex jintwera kif l-UE u l-Istati Membri tagħha, billi jaġixxu b'approċċ ta' "Tim Ewropa", komplew jindirizzaw l-isfidi dinjin kif ukoll il-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li ppromovew il-valuri u l-interessi strateġiċi tal-UE, inkluż billi għamlu avvanz fl-istrateġija Global Gateway, u kkontribwew għall-kisba tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi.
18. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tar-rapport annwali bħala għodda għat-trasparenza, l-irfiġh tar-responsabbiltà u direzzjoni politika mill-Kunsill. Il-Kunsill jenfasizza li l-pubblikazzjoni f'waqtha tiegħu hija essenzjali biex tkun possibbli gwida politika effettiva u sorveljanza infurmata, u jfakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat li d-data ssir disponibbli f'forma li tiffaċilita l-analiżi u l-komparabbiltà maż-żmien. Il-Kunsill jappella għal aktar simplifikazzjoni tal-format tar-rapport ewlieni biex ikun jista' jintuża aktar, fuq il-bażi tat-titjib kontinwu li ntlaqat tajjeb fis-snin preċedenti, filwaqt li tiġi ppreservata l-informazzjoni li tinsab fl-annessi.
19. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li tissaħħaħ l-orjentazzjoni strateġika tar-rapport, inkluż permezz ta' rabtiet aktar ċari mal-Aġenda 2030 u l-SDGs. Il-Kunsill jissottolinja wkoll il-ħtieġa għal aktar informazzjoni dwar l-eliġibbiltà għall-ODA fi ħdan l-NDICI-Ewropa Globali, u dwar l-appoġġ għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti. Ir-rapport għandu jipprovdi rapportar aktar ċar dwar il-progress lejn il-miri kollha, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' oqsma li fihom huma meħtieġa sforzi addizzjonali b'mod partikolari biex jiġi żgurat li dawn jintlaħqu sa tmiem l-2027, partikolarment għall-miri klimatiċi u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kunsill jinnota wkoll l-importanza li jiġi ċċarat ir-rwol tad-Delegazzjonijiet tal-UE fil-ġbir tad-data u jissottolinja li r-rapportar għandu jkompli jappoġġa ppjanar koerenti fit-tul fl-azzjoni esterna kollha tal-UE.
20. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-istrumenti esterni jilħqu l-miri legali tagħhom b'mod effettiv. Huwa jilqa' l-progress lejn impenji b'rabta mal-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, il-migrazzjoni u l-ispostament furzat, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Kunsill jenfasizza l-użu koerenti tas-sett ta' għodod sħiħ u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni kollha tal-UE, li jippermettu approċċi mfassla apposta u differenzjati. Il-ħidma ma' firxa wiesgħa ta' sħab, fosthom istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp (DFIs) Ewropej, is-soċjetà ċivili, u atturi lokali, tiżgura li l-UE tibqa' sieħeb flessibbli u affidabbli li ka paċi jindirizza l-isfidi dinjin.

21. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jissaħħu l-viżibbiltà u l-komunikazzjoni tal-azzjoni esterna tal-UE u li l-UE tiġi ppożizzjonata bħala sieħeb affidabbli u fdat permezz ta' komunikazzjoni strateġika. Il-Kunsill jinnota l-progress kontinwu li nkiseb u l-isforzi biex tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika fl-azzjoni esterna. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jintlaħqu u jiġu involuti b'mod effettiv udjenzi mhux istituzzjonali f'pajjiżi sħab permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni mmirati, li juru r-riżultati tal-azzjoni tal-UE b'mod koerenti u li jħalli impatt.
22. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' sforzi ta' komunikazzjoni konsistenti, trasparenti u kkoordinati fost l-atturi ta' Tim Ewropa, inkluż permezz ta' koordinazzjoni mill-qrib fil-livell tal-pajjiżi sħab bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Il-Kunsill iħeġġeġ sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-komunikazzjoni dwar l-azzjoni esterna tal-UE tirrifletti l-involviment kollettiv ta' Tim Ewropa.

Rapport Annwali dwar il-miri tal-UE ta' għajna għall-iżvilupp

23. Il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornitur fid-dinja ta' Għajna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) b'kontribuzzjoni kollettiva ta' EUR 82.5 biljun fl-2025, li tammonta għal 48 % tal-ODA dinjija. Il-Kunsill jinnota bi tħassib it-tnaqqis storiku fl-ODA madwar id-dinja fl-2025 kif irrapportat mill-OECD¹ u jissottolinja l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jmessu bl-eżempju bħala Tim Ewropa.
24. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi annwali tal-Kummissjoni dwar il-miri tal-UE ta' Għajna għall-Iżvilupp. Il-Kunsill jieħu nota pożittiva wkoll tal-Evalwazzjoni bejn il-Pari tal-2025 tal-OECD tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. Ċifri aġġornati jikkonfermaw mill-ġdid li l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar fornitur fid-dinja ta' Għajna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA). Il-Kunsill jixtieq jirrapporta dan li ġej lill-Kunsill Ewropew:
- a) Fl-2025, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu responsabbli għal 48 % tal-Għajna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA)² globali, u b'hekk komplew jikkonsolidaw ir-rwol ta'

¹ L-OECD tirreferi għal tnaqqis ta' 23.1 % fl-2025 meta mqabbel mal-2024 fir-rigward tal-ODA totali tal-pajjiżi membri tal-Kumitat ta' Għajna għall-Iżvilupp (DAC) f'termini reali (abbażi tal-prezzijiet kostanti f'USD), l-akbar kontrazzjoni annwali rreġistrata.

² Abbażi ta' informazzjoni preliminari dwar id-data dwar l-ODA tal-2025 mill-OECD-DAC. L-ODA dinjija hawnhekk hija definita bħala li tinkludi l-ODA pprovduta mill-UE kollettivament u mill-pajjiżi donaturi l-oħra kollha fid-DAC u dawk mhux fid-DAC li jirrapportaw lura lill-OECD.

tmexxija tagħhom fuq l-aġenda dinjija għall-iżvilupp sostenibbli bħala l-akbar fornitur dinji ta' ODA.

b) L-ODA kollettiva tal-UE³ rrappreżentat 0.44 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-UE fl-2025, li jikkorrispondi għal EUR 82.5 biljun. Dan jikkostitwixxi tnaqqis meta mqabbel mas-sehem tiegħu ta' 0.50 % tal-ING tal-UE tal-2024 (EUR 89.5 biljun).

c) L-ODA kollettiva tal-UE għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti (LDCs)⁴ kienet tirrappreżenta 0.08 % tal-ING tal-UE fl-2024, li tikkorrispondi għal EUR 14.5 biljun. Dan jikkostitwixxi tnaqqis meta mqabbel mas-sehem tagħha ta' 0.12 % tal-ING tal-UE fl-2023 (EUR 20 biljun). Il-Kunsill jinnota, f'dan ir-rigward, li l-ODA kollettiva tal-UE għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti għadha taħt il-mira ta' 0.20 % u teħtieġ sforzi sostnuti.

25. Il-Kunsill ikompli jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jagħmlu progress lejn il-kisba tal-miri individwali tagħhom kif ukoll jibqgħu fuq perkors kredibbli lejn l-impenn kollettiv tal-UE li tipprovdi 0.7 % tal-ING bħala ODA⁵, u 0.2 % bħala ODA lil-LDCs sal-2030. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jiżguraw li sehem xieraq tal-ODA tagħhom, pereżempju 10 %, ikun iddedikat għall-azzjoni umanitarja, fuq il-bażi tal-ħtiġijiet umanitarji li qed jiżdiedu.

³ Abbażi ta' informazzjoni preliminari dwar id-data dwar l-ODA tal-2025 mill-OECD-DAC. L-ODA kollettiva tal-UE titkejjel fuq bażi ekwivalenti ta' għotja u tirrappreżenta s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-proporzjon tal-ODA pprovdata mill-Istituzzjonijiet tal-UE li mhijiex attribwita lill-Istati Membri jew lid-donaturi mhux tal-UE bħar-Renju Unit.

⁴ Abbażi tad-data dwar l-ODA tal-2024 mill-OECD-DAC. L-ODA kollettiva tal-UE lil-LDCs tinkludi l-ODA netta bilaterali tal-Istati Membri lil-LDCs, l-ODA multilaterali attribwita lil-LDCs u l-ODA reġjonali netta magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs kif ukoll l-ODA reġjonali netta tal-Istituzzjonijiet tal-UE magħrufa li hija ta' benefiċċju għal-LDCs (minbarra s-sehem tar-Renju Unit).

⁵ L-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni wara l-2002 impenjaw ruħhom li jstinkaw biex iżidu l-ODA tagħhom għal 0.33 % tal-ING.

26. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tintuża l-firxa sħiħa ta' modalitajiet ta' finanzjament flimkien ma' kooperazzjoni teknika b'mod komplementari biex jitwettqu dawn l-impenji. Il-Kunsill jikkonferma l-hteġa li jiġi żgurat li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħtu kontribut attiv għat-tiswir ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp u sistema umanitarja li tkun mgħammra b'mod sħiħ biex tindirizza l-isfidi dinjin tal-lum.
27. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kejl aħjar u aktar sistematiku tal-impatt, kif ukoll għbir ta' data inklużiv u rappurtar trasparenti dwar is-sorsi uffiċjali kollha ta' finanzjament, fosthom riżorsi mobilizzati mis-settur privat, permezz tas-Sistema ta' Rappurtar tal-Kredituri tal-OECD (CRS), kif ukoll l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD), u l-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI). Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza li jiġu traċċati s-sorsi kollha ta' finanzjament għall-investment fl-iżvilupp sostenibbli.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri – Rapport Speċjali 20/2025

28. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 20/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "L-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-ġuħ fl-Afrika sub-Saħarjana" u jinnota li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u ser timplimentahom biex tħaffef il-progress lejn l-indirizzar ta' waħda mill-aktar sfidi dinjin importanti.
29. Filwaqt li jerġa' jafferma r-rabta bejn is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma u l-fraġilità, il-Kunsill jissottolinja li l-progress lejn il-qerda tal-ġuħ u l-malnutrizzjoni jrawwem l-istabbiltà u r-reżiljenza u jappoġġa sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku fl-Afrika sub-Saħarjana. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li din ir-rabta tiġi indirizzata fil-qafas tal-G7 u l-G20.
30. Il-Kunsill jinnota li, matul l-aħħar għaxar snin, l-azzjonijiet tal-UE fl-istrumenti kollha kkonkludew kuntratti li jammontaw għal madwar EUR 23.2 biljun għal inizjattivi relatati mal-ġuħ (2014–2024), bi kważi nofs dak l-ammont destinat għall-Afrika sub-Saħarjana.

31. B'mod konsistenti mas-sejbiet tal-Qorti, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-għajnuna umanitarja tiġi bbilanċjata mal-eżiti tal-iżvilupp fit-tul, b'mod partikolari appoġġ sostnut għal ktajjen tal-valur agroalimentari u akkwatiċi reżiljenti u sostenibbli, u li jissaħħa l-iffissar ta' miri fuq il-bażi tal-ħtiġijiet u l-monitoraġġ tar-riżultati, bl-użu ta' indikaturi tal-eżitu biex jittejjbu l-impatt u s-sostenibbiltà. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinkoraġġixxi implimentazzjoni aktar integrata tal-approċċ li jorbot elementi umanitarji, ta' żvilupp u ta' paċi.
32. Il-Kunsill ifakkar fil-valur miżjud tal-approċċ ta' Tim Ewropa u jissottolinja r-rwol potenzjali tal-istrateġija Global Gateway, fost għodod u strateġiji oħra biex jespandu s-sistemi ta' produzzjoni u l-ktajjen tal-valur sostenibbli u ankrati lokalment, filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' ikel nutrittiv għal dawk l-aktar vulnerabbli. Il-Kunsill jistieden aktar koordinazzjoni ta' Tim Ewropa biex ikun hemm avvanzji fis-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni globali, u jappella għal data, monitoraġġ u koordinazzjoni aktar b'saħħithom biex jittejjbu r-riżultati.